**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 310/97

Nicholas Tanti

vs

CGMO, Dipartiment tas-Sahha u b' digriet tas-17 ta' Marzu 1999 gew kjamati fir-rikors il-Management and Personnel Office u l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku u b' digriet tat-8 ta' April 1999 gie kjamat fir-rikors id-Direttur Responsabbli ghall-Kura tal-Anzjani u b' digriet tal-15 ta' Novembru 1999 giet kjamata fir-rikors l-Awtorita` tad-Djar

Illum 20 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn it-8 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1992 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li gie diskriminat.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Ir-rikorrent dahal jahdem fl-iskema ta' l-AWTS fl-20 ta' Jannar 1992. Ir-rikorrent kien intbaghat jirraporta ghax-xoghol fl-Isptar San Vincenz de Paule bhala gardinar. Hu kemm il-darba applika ghat-time off in lieu bhal ma ghamlu shabu, izda ir-rikorrent qatt ma inghata din l-opportunita. Ir-rikorrent talab diversi drabi biex jinghata xoghol bix-shift izda dan ukoll kien rifjutat.

Illi minhabba dan kollu ir-rikorrent sofra finanzjarjament. Fil-fatt minhabba li ma kellux bizzejjed paga, ir-rikorrent ma setax jikkwalifika biex jiehu plot tal-gvern. Tant hu hekk li wara li applika u inghata plot tal-gvern f'Ottubru ta' l-1993, dak ix-xahar stess, il-gvern rega' hadlu l-plot lura peress li ir-rikorrent ma kellux dhul bizzejjed biex jikkwalifika ghaliha. Ir-rikorrent ihoss li kien ittrattat f'dan il-mod minhabba l-fehmiet politici tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-opportunita li jidhol jahdem mal-gvern u f'li jigi kkumpensat ghad-danni finanzjarji li huwa garrab u f'li jinghata plot fejn ikun jista' jibni d-dar dicenti ghall-familja tieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista ta' xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi rigward l-allegati talbiet li saru mill-intimat sabiex jigi moghti 'Time in Lieu' jew sabiex jinghata xoghol bix-xift, ma tezisti l-ebda 'record' illi dawn it-talbiet qatt saru.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan t-Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet ta' Nicholas Tanti.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepixxa:

Illi l-allegazzjonijiet u l-ilment kollha maghmula mir-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra r-risposta tal-Kjamant fil-Kawza Direttur Harsien ta' l-Anzjani li eccepixxa:

Is-Sur Tanti allega li huwa applika ghal Time Off in Lieu izda qatt ma nghata din l-opportunita' u li kien talab xoghol bix-shift izda dan kien rifjutat.

Nixtieq ninfurmak li mir-records ta' dan id-Dipartiment jidher xort'ohra. L-ewwel nett jiena nformat li meta s-Sur Tanti kien jahdem fir-Residenza San Vincenz bhala gardinar, hadd mill-gardinara ma kienu jahdmu bix-shift u ghalhekk it-talba tieghu ma setghetx tkun milqugha.

It-tieni is-Sur Tanti kien jaghmel xoghol extra li kien jiehdu bhala time off u tant hu hekk li f'Jannar 1996 kellu jiehu 23½ sieghat time off li kien ser jinghata hlas taghhom wara li gie awtorizzat mid-Direttur ta' dak iz-zmien is-Sur J. Buhagiar. Sfortunatament dan il-hlas ma jidhirx li sar minhabba l-ittra originali intilfet. Hemez kopja ta' dokumenti li juru li dan il-hlas ma sarx immarkati b'dok 1,2,3 u 4.

Ra l-lista tax-xhieda.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-Management and Personnel Office li eccepixxa:

Illi t-talba li qed issir kontra tieghu hija intempestiva fit-termini ta' l-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997.

Subordinatament fil-mertu ir-rikorrent jaghmel referenza u jaddotta r-risposta diga pprezentata mill-intimati l-ohra apparteneti ghas-settur pubbliku.

Ra r-risposta ta' l-Awtorita' tad-Djar li eccepixxa:

1. Illi Nicholas Tanti permess ta' Dokument A applika taht Avviz 45.

2. Illi giet annessa kopja tal-Harga li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern (Dokument B). Bl-ahmar huma indikati il-partijiet li jittrattaw dan il-kaz.

3. Skond l-istess harga sabiex jikkwalifika biex japplika ghall-plot ir-rikorrent skond Klawsola 3 (vi)

*"Jintlaqghu applikazzjonijiet minghand koppji gharajjes jew mizzewgin li fid-data li fiha jaghlaq iz-zmien ghall-applikazzjonijiet taht dan l-Avviz:-*

*F'sena kalendarja 1992 kellhom dhul gross annwu ta' mhux aktar minn Lm5,000 u ta mhux anqas minn Lm1,500 wara li jigu mnaqqsa Lm1,000 skond il-klawsola relevanti f'dan l-Avviz."*

4. Illi fil-fatt irrizulta li l-qliegh tar-rikorrent kien anqas minn dak li riedet il-harga ara Dok C li huwa Assessment Sheet li turi li

Nicholas Tanti ma qalghax aktar minn Lm1,129.54 u ghalhekk ma jikkwalifikax.

Ghaldaqstant l-Awtorita' tad-Djar ma setghet talloka ebda plot u b'hekk fil-konfront ta' l-Awtorita' tad-Djar it-talbiet tar-rikorrent huma infondati.

Pero' l-awtorita' tad-Djar tinsisti ghad-dritt taghha li taghmel il-kontro-ezamijiet necessarji u li ttellgha xhieda li huma xierqa u li huma indikatati hawn taht.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

**PROVI:**

Ra l-affidavit ta' Nicholas Tanti li semma li dahal fl-iskema ta' l-Awziljarji f'Jannar ta' l-1992 u gie mibghut jaghmel xoghol ta' gardinar fl-isptar San Vincenz de Paule. Sostna li mieghu kien hemm certi persuni li kienu jahdmu bhala hospital auxiliary izda kienu jaghmlu xoghol ta' gardinara bhalu. Dawn kienu jinghataw it-time off in lieu bl-addocc kif ukoll kienu jiddahhlu jahdmu bix-xift, jigifieri kienu jahdmu jumejn gewwa u wahda barra u hekk huma kienu jkunu jistghu jahdmu l-hdud li kien ifisser aktar introjtu ghaliex kien jithallsu s-shift allowance kif ukoll is-Sunday premiums. Dawn il-persuni kienu John Camilleri, Joe Caruana, u Joe Cassar li matul l-1992 sa l-1996 kienu jinghataw mijiet ta' sieghat time-off in-lieu tant li dawn aktar ma kinux jmorru ghax-xoghol milli jmorru. Sostna li minkejja li talab lis-Sur Lino Mizzi l-amministratur ta' l-Isptar u lis-Sur Carmel Aquilina li kien

ikarigat mill-gardinara biex jahdem xoghol bix-shift bhan-nies li kienu fl-istess grad tieghu qatt ma gie moghti c-cans li jaghmel dan. Semma diversi nies li nghataw xoghol bix-shift.

Sostna li Carmel Aquilina maghruf bhala Nenu u llum Sindku tas-Siggiewi mal-Partit Nazzjonalista kien iqabbdu jaghmel xoghol bil-piece work u dan sabiex qatt ma jkun jista' jibbenefika mill-istess beneficcji li kienu jgawdu l-persuni l-ohra. Minhabba dan l-agir diskriminatorju kien jitlob li jigi trasferit ghall-sezzjoni ohra. Fl-ahhar ghall-habta ta' Settembru 1995 kien trasferit mas-sezzjoni ta' Raymond Hili fejn kien jaghmel xoghol ta' maintenance. F'din is-sezzjoni l-haddiema kollha inkluzi dawk li kienu awziljari bhalu kienu jahdmu bix-shift izda hu kien inghata xoghol bil-gurnata.

Meta baqa' jinsisti li jahdem bhal shabu bix-shirt l-awtoritajiet koncernati helsu minnu billi tawh transfer ghal Hal Far jaghmel xoghol ta' watchman.

Semma li minhabba f'hekk tilef l-opportunita' li jiehu plot tal-Gvern fis-sejha li saret f'Lulju 1993, ghax l-applikazzjoni tieghu giet milqugha sabiex jiehu plot f'Bubaqra z-Zurrieq izda wara li rrizulta li l-paga tieghu kienet dik ta' awziljaru u mhux tal-Gvern kien ircieva avviz mill-awtorita' tad-Dar fejn qalulu li l-applikazzjoni tieghi giet invalidata. B'hekk tilef l-opportunita' li jakkwista din il-plot.

Saviour Lautier Direttur tar-Risorsi Umani fid-Dipartiment tas-Sahha xehed li r-rikorrent mhux impjegat ma' dan id-Dipartiment.

Esebixxa Dok A a fol 29 li juri li d-Dipartiment ghall-Kura tal-Anzjani u li tahtu jaqgha l-Isptar San Vincenz ma baqghax jaghmel parti mid-Dipartiment tas-Sahha mill-1990.

Joseph Gravina xehed li meta dahal mad-Dipartiment tas-Sahha kien isuq l-ambulanza ghal xi sentejn u nofs. Wara mar jaghmel xoghol ta' maintenance. Lil Nicholas Tanti jafu hemmhekk jaghmel xoghol ta' gardinar u kellu l-istess grad tieghu. Kienu t-tnejn mal-AWTS. Kien hemm ukoll ohrajn li kienu fattigi u drainage workers imma kienu jaghmlu xoghol ta' gardinara. Hu kien jinghata time off in lieu. Kienu jkunu grupp ta' xi 10 jew 12 kienu jirsistu fuq ix-xoghol imbaghad kien ikollhom t-time off in lieu. Kien hemm uhud li kienu jinghataw l-overtime, u kien hemm ohrajn li kienu jinghataw time off in lieu.

Charles Grech in rapprezentenza tad-Dipartiment tal-Kura ta' l-Anzjani xehed li r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' gardinar. Semma li mir-records jirrizulta li matul il-perjodu li dam hemmhekk ir-rikorrent kellu ammont ta' 231 siegha u nofs ta' time off. Parti minn dan hadu u parti le. Dan l-ammont ta' 231 u nofs rigward tar-rikorrent huwa l-bilanc, kemm kien ghad baqalu fl-1996 meta telaq minn hemm ir-rikorrent.

**KONKLUZJONI:**

Hemm diversi eccezzjonijiet f'dan ir-rikors li possibbilment iridu jigu ezaminati. Pero' l-ewwel li jrid jizi ezaminat l-aspett tal-kompetenza tat-Tribunal ghax dan wahdu jista' jwaqqaf kollox.

Fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999, it-Tribunal qal:

Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa

f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet

tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni.

Issa l-ilment tar-rikorrent hu ibbazat fuq tlitt aspetti:

- In-nuqqas ta' ghoti ta' time off in lieu;
- In-nuqqas ta' ghoti ta' overtime;
- In-nuqqas tal-ghoti tal-Plot mill-Awtorita' tad-Djar.

Jiirrizulta car li ebda wahda minn dawn l-aspetti ma tissemma fl-artikolu 6 (1) tal-Kap 394. Ghalhekk ghalkemm l-ilment tar-rikorrent jissodisfa l-ewwel erba' elementi ma jissodisfax il-hames wiehed. Fil-kawza fl-ismijiet Debono Charles vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fid-9 ta' Gunju 2000 intqal li t-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma hux kompetenti "ratione materiae" biex jezamina kazijiet ta' ilmenti dwar hlas ta' arretrati ta' paga, overtime u allowances jekk tali nuqqas ma jkunx konsegwenza li bniedem gie imcahhad minn hatra jew gie trasferit ingustament. Dwar Overtime ara wkoll Emmanuel Camilleri vs Dir Gen MPO deciza 9/5/00, u Mizzi Alessio vs Ufficjal inkarigat

mill-Ufficju Elettorali 24/1/2001. L-istess ragjonar japplika ghall-aspetti l-ohra tal-ilment u cioe' fuq in-nuqqas ta' ghoti ta' time off in lieu, u n-nuqqas tal-ghoti tal-Plot mill-Awtorita' tad-Djar. Ghal dawn il-motivi jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Ghalhekk mhux il-kaz li jigu ezaminati l-eccezzjonijiet l-ohra.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.